**5 ta' Lulju, 1958**
**Imħallef:—**
**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Alessandro Mallia

*versus*

Avukat Dr. Victor Ragonesi ne.

**Arrest Personali — Manteniment tad-Debitur Arrestat — Liberazzjoni Tiegħu — Depożitu tal-Manteniment — Mandat — Nullità — Art. 367 tal-Kap. 15.**

*Il-fatt li l-kreditur ma jħallasx l-alimenti lid-debitur arrestat kif huwa obligat skond il-liġi, ma jwassalx għall-konsegwenza li l-mandat tal-arrest personali huwa null u invalidu, imma, se maj, inissel bħala konsegwenza li d-debitur jista' jitlob immedjatament u bla ebda formalità lill-Imħallef li jkun ħareġ il-mandat il-liberazzjoni tiegħu. Fi kliem ieħor, l-eżekuzzjoni tal-mandat tiġi, bin-nuqqas tal-pagament tal-alimenti da parti tal-kreditur, bl-ordni tal-Imħallef fuq imsemmi, interrotta.*

*Imma, ladarba d-debitur ikun ibbaża d-domanda tiegħu għal-liberazzjoni tiegħu mill-arrest personali minħabba nullità tal-mandat, u mhux fuq il-motiv li l-alimenti lid-debitur ma tħallsux puntwalment, dik id-domanda mhix attendibbli, ladarba l-mandat jirriżulta validu u legalment inattakkabbli.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet opportuni u jiġu mogħtija l-provvedimenti meħtieġa, billi l-konvenut Avukat Victor Ragonesi nomine ottjena l-ħruġ ta' mandat ta' arrest personali kontra l-attur fl-4 ta' Frar 1958; liema mandat ġie

eżegwit fis-7 ta' Frar 1958, u f'dak il-jum il-konvenut nomine ħallas l-ewwel retta alimentarja ta' 17s. 6d. għall-manteniment tal-attur għal żmien ġimgħa; premessa d-dikjarazzjoni għat-termini tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, illi ma hux konsentit illi l-pagamenti ulterjuri tar-retta alimentarja jsiru aktar tard minn nofs inhar tal-jum preċedenti għal dak li fih sar l-ewwel depożitu, u fil-każ speċifiku, billi l-ewwel pagament ġie effettwat mill-konvenut nomine nhar ta' Ġimgħa 7 ta' Frar 1958, it-tieni pagament kellu jsir nhar ta' Ħamis 13 ta' Frar 1958 sa nofs inhar; peress illi fil-fatt jirriżulta illi l-konvenut nomine effettwa pagament tardivament u in vjolazzjoni tal-analogi dispożizzjonijiet legali kontenuti fl-art. numru 367 tal-Kodiċi Proċedurali, skond ma jirriżulta mill-ittra appożita mibgħuta u ffirmata md-Direttur tal-Ħabs ta' Corradino fil-21 ta' Ġunju 1958; talab (1) li jiġi dikjarat u deċiż illi l-mandat ta' arrest personali fuq imsemmi, tal-4 ta' Frar 1958, huwa null u bla effett, billi ma ġewx osservati minnu l-modalitajiet tassattivament imposti mill-liġi proċedurali għall-ħlasijiet tar-retti alimentari spettanti lid-debitur arrestat; u (2) in konsegwenza l-attur jiġi liberat mill-arrest personali u tiġi ordnata l-iskarċerazzjoni tiegħu immedjata mill-Ħabs ta' Corradino; prevja, okkorrendo, l-ispedizzjoni tal-kontromandat preżentat mill-attur fis-27 ta' Ġunju 1958. B'riżerva lill-attur ta' kull azzjoni li eventwalment tikkompetilu kontra l-konvenut nomine b'linea ta' danni mħabba d-detenzjoni tiegħu illegali fil-ħabs ta' Corradino. Bl-ispejjeż tal-kawża, kompriżi dawk tal-kontromandat tas-27 ta' Ġunju 1958;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fuq l-eċċezzjoni tal-konvenut li l-mandat mhuwiex null, imma se maj l-attur kellu jitlob ir-revoka tal-eżekuzzjoni tiegħu, jingħad li ma hemmx kwistjoni li l-mandat huwa validu tant formalistikament kemm intrinsekament (ara art. 276(1) u (2), 278, 281, 106 360, 361, 364, 366, 367(1) Kap. 15); u l-fatt li waqt li d-debitur ikun taħt arrest għad-dejn l-istess eżekutant ma jħallasx l-alimenti kif irid l-art. 367(2) Kap. 15 ma jirrendix l-istess mandat

null u invalidu, imma, se maj, id-debitur ikun jista' jitlob il-liberazzjoni tiegħu kif huwa maħsub fl-art. 371(d) tal-istess Kap. 15, u kif jidher li ġa ġie deċiż minn din il-Qorti Kummerċjali, biex tissemma kawża waħda biss, fis-16 ta' April 1868 in re "Giorgio Tabone vs. Vincenzo Dingli" (Vol. IV, paġ. 167 u 1à8); l-għaliex l-alimenti għandhom jiġu mħallsa suċċessivament mingħajr interruzzjoni da parti tal-kreditur eżekutant, salvi l-każi kontemplati fid-dottrina hemm ċitata;

Illi kwindi l-fatt allegat mill-attur, li l-kreditur eżekutant ma ħallasx l-alimenti suċċessivament ma jwassalx għall-konsegwenza legali li l-mandat huwa null u invalidu, imma, se maj, inissel bħala konsegwenza li d-debitur jista' jitlob immedjatament u bla ebda formalità lill-Imħallef li jkun ħareġ il-mandat il-liberazzjoni tiegħu. Fi kliem ieħor, l-eżekuzzjoni tal-mandat tiġi, bin-nuqqas tal-pagament tal-alimenti da parti tal-kreditur, bl-ordni tal-Imħallef fuq imsemmi, interrotta (ara argument li joħroġ mill-kliem tal-art. 367(1) Kap. 15);

Illi kwindi, ladarba l-attur qiegħed jitlob il-liberazzjoni in konsegwenza tan-nullità tal-mandat, li fil-fehma tal-Qorti huwa validu u legalment inattakkabbli, it-talba attriċi ma tistgħax tiġi milqugħa bil-favur;

Għal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeċidi billi tiċħad it-talbiet attriċi, u tiddikjara li l-attur kien imissu talab il-liberazzjoni tiegħu għaliex il-kreditur naqas milli jħallas l-alimenti tiegħu suċċessivament, salv li jipprova dan l-istess fatt; u f'dan is-sens biss tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenut; u tastjeni ruħha milli tiddeċidi l-eċċezzjoni preliminari l-għaliex l-istess ġiet rinunzjata, kif ukoll l-eċċezzjoni l-oħra tal-ħlas regolari, l-għaliex taħt iċ-ċirkustanzi l-Qorti ma għandhiex għalfejn tidħol fiha, salva lill-attur kwalunkwe azzjoni oħra, "si et quatenus", skond il-liġi; bl-ispejjeż għall-attur.